GUDJA

Minuti tal-ħamsa u tlettin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru 2011.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | John Mary Calleja |
| Viċi-Sindku: | Romeo Baldacchino |
| Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut u Anthony Dalli |

Skużat: Kunsillier: Osvaldo Pace

1. Approvazzjoni ta' minuti – 33/6 (05 t'Ottubru 2011)
   34/6 (24 t'Ottubru 2011)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett ta' toroq u bankini fi Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun, Triq il-Kappillan u Triq William Baker Gudja – Progress dwar il-bilanċ tal-pagamenti lill-kuntrattur.

5. Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar-Progress

6. Trasport Pubbliku – Progress

7. Konfini – Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja

8. Attivitajiet tal-Milied 2011 u l-Ewwel tas-Sena 2012:-
   a. Tiżjin u Dawl tat-toroq
   b. Attivita tal-bidu tas-sena 2012 – 07 ta' Jannar 2012

9. Youth Village fil-Gudja

10. Il-Volontarjat fil-Gudja

11 Binja fi Triq San Ċiru kantuniera ma' Triq Bettina Gudja – azzjoni mal-MEPA.

12. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

13. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.30p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 33/6 (05 t'Ottubru 2011)**
**34/6 (24 t'Ottubru 2011)**

1.1 Dawn il-minuti li ġew ċirkulati għandt il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija u approvati nem con kif preżentati.

1.2.0 Affarijiet li tqajmu mill-minuti 33/6 (05 t'Ottubru 2011).

1.2.1 Is-Sur MA Sammut qal li kien qed jinqala l-inkwiet dwar xi uħud minn dawn il-parking bays u għalhekk għandhom isiru applikazzjonijiet kif suppost (jekk dawn għandhom ma sarux) u l-Kunsill iżomm kopja sabiex jirreferi għaliha skond il-bżon..

Il-Kunsill qabel li fejn ikun hemm xi talba partikolari dwar parkeġġ għandu joqgħod attent sabiex ma jiġix involut f'xi problema bejn il-ġirien u għalhekk iħalli lit-TM sabiex timxi skond il-liġi u filwaqt li tikkonsidra t-talba tinforma ukoll lill-Kunsill kif għandu jimxi u jesekwixxi d-deċiżjoni tat-TM.

**2.0 Kommunikazzjonijiet:**

2.1.0 Sindku

2.1.1 a. Double yellow line (wara l-istage) fis-Service Road fi Triq Ħal Għaxaq Gudja.

b. Double yellow line fi Triq Santa Katarina (inti u nieżel fuq ix-xellug)

c. Double yellow line fi Triq il-Magħsar ma' Triq iż-Żebbuġa, Gudja

Is-Sindku qal li dawn is-sinjali tat-traffiku huma meħtieġa sabiex jitnaqqas il-periklu kemm għal min ikun għaddej minn dawn it-toroq bir-riġel kif ukoll għall-karozzi.

Il-Kunsill qabel li jagħmel applikazzjoni sabiex jikseb il-permessi meħtieġa u pariri tat-TM qabel isiru dawn is-sinjali tat-traffiku kif hawn fuq huma indikati.

2.1.2 Xogħol ta' asfaltar fit-toroq tal-Gudja.

Ħruġ ta' Tenders:-

a. Tender għall-major resurfacing, bankini u patching

b. Tender għal xogħol ta' patching

Is-Sindku qal li bdew il-preparazzjoni dwar il-budget għas-sena 2012 u għalhekk huwa meħtieġ li l-Kunsill ikollu kemm il-kuntratturi kif ukoll il-prezzijiet sabiex issir ix-xogħol skond l-istimi u l-ħtiġijiet tal-Kunsill.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jipproċedi sabiex jinħarġu żewġ tenders (wara konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill) sabiex jintażlu l-aħjar offerti dwar dawn ix-xogħlijiet.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Ġbir ta' skart separat.

Ias-Sur R. Baldacchino qal li qed ikollu taħdidiet mal-GreenPak dwar kif miexi l-andament ta' skart separat u dwar l-għan tal-Kunsill sabiex jiżdied l-iskart riċiklabli u jonqos l-iskart domestiku mħallat (li għalih ikun qed iħallas il-Kunsill) bil-ħsieb li l-Kunsill ikollu spiża anqas fil-ġbir ta' l-iskart.

Is-Sur R Baldacchino poġġa fuq il-medja tal-Kunsill tabella preparata mill-GreenPak li turi l-andamenti tal-ġbir ta' skrt riċikabbli għall-perjodu minn Jannar sa Settembru 2011. Din it-tabel qegħda tifforma parti minn dawn il-minuti.

Is-Sur Baldacchino qal li meta l-Kunsill talab għall-żieda fl-iskips, l-GreenPak qablet mill-ewwel dwar dan u b'hekk il-pubbliku jinsab imħajjar dejjem iżjed li juża dawn l-iskips fejn jitfa skart riċiklabbli.

2.2.2 Ġbir tal-borża ta' skart riċikabbli.

Il-Kunsill qabel li b'seħħ mill-01 ta' Jannar 2012 nhar ta' Tlieta tinġabar biss il-borża ta' skart riċiklabbli u ma jkunx hemm s-sewda. Il-ġbir mill-bins-on-wheels ta' skart domestiku jibqa l-istess.

Il-Kunsill qabel li jinforma lir-residenti tal-Gudja dwar din il-bidla u dwar l-importanza li r-residenti tal-Gudja jagħmlu aktar użu mis-sistema ta' ġbir ta' skart riċiklabbli u li jonqos l-iskart imħallat.

2.2.3 Edukazzjoni dwar skart riċiklabbli.

Is-Sur Baldacchino qal li flimkien mal-GreenPak l-Kunsill kien qed jipprepara sabiex idaħħal din it-tema flimkien ma' l-iSkola Primarja tal-Gudja Kulleġġ San Benedittu fil-programm tal-Milied.

2.2.4 Niċċa tad-Duluri ħdejn il-Palazzo d'Aurel Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-kuratur ta' din in-niċċa għamel restawr xieraq u ħoloq ukoll lok ta' fejn wieħed jista' jersaq il-ġewwa mit-traffiku u jagħmel xi talba u jistrieħ spiritwalment.

Il-Kunsill qabel li jinxtraw u jsiru żewġ bankijiet sabiex ikun hemm possibilita li min ikun irid jista' jistrieħ għal ftit ħin fuq dan il-post li kull ma jmur qed jerġa jikseb il-popolarita' tiegħu speċjalment mar-residenti tal-Gudja.

2.2.5 Rapport tal-MCCAA dwar il-playing fields ġewwa l-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu r-rapport dwar il-qagħda ħażina li jinsabu fihom dawn il-playing fields (speċjalment li fihom apparat li kien tpoġġa snin ilu fejn l-element ta' safety ma kienitx dik li qed jitqies fi żmiena).

Is-Sur Baldacchino fakkar ukoll li dan ir-rapport intbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali flimkien ma' l-applikazzjoni sabiex il-Kunsill jikseb fondi sabiex issir x-xogħol meħtieġ u filwaqt jitneħħa kull periklu t-tfal tal-Gudja ikollhom playing fields moderni skond standards ewropew u livell ta' safety meħtieġ. F'dan il-playing fields moderni ikunu jistgħu jilgħabu t-tfal u l-ġenituri kif ukoll nanniet li jieħdu ħsieb tfal żgħar isibu lok ta' mistrieħ filwaqt li jkunu jindokraw dawn it-tfal żgħar.

Il-Kunsill qabel li jagħmel kull stħarriġ u dak kollu possibli sabiex jinkisbu dawn il-fondi meħtieġa malajr kemm jista' jkun sabiex jitwettqu xogħlijiet meħtieġa u li jinxtara kemm l-aparat u attrezzi oħra meħtieġa.

2.2.6 Ħaddiema meħtieġa sabiex jgħinu l-Kunsill. Is-Sur Baldacchino qal li fil-preżenti l-Kunsill għandu ħaddiem wieħed biss assenjat miegħu. Dan qed ifisser illi hemm limitazzjonijiet dwar dak li jista' jssir. Il-Kunsill qabel li jitlob għal ħaddiema tal-IPSL kif ukoll dwar jinkisbu ħaddiema mill-Community Workers Scheme.

Il-Kunsill qabel ukoll illi toħroġ tender sabiex il-Kunsill ikollu kuntrattur li jkun jista' jagħmel xogħol ta' manutenzzjoni ta' diversi oqsma ġewwa l-Gudja.

Il-Kunsill qabel li d-dokumenti jiġu preparati flimkien mal-Perit tal-Kunsill.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Mark-Anthony Sammut

a. Aerobics & Pilates. Is-Sur Sammut qal li l-Ħamis 24 ta' Novembru 2011 kienu sejrin jibdew il-korsijiet ta' Aerobics u Pilates f'Dar iż-Żgħażagħ Gudja. Dawn il-korsijiet serjin idumu għaxar ġimgħat u se jkun hemm waqfa fit-08 u fil-31 ta' Diċembru 2011.

Dawn il-korsijiet huma stmati li jqumu €480 u sejrin ikunu finanzjati fis-somma ta' €240 mill-KMS u €240 mill-Kunsill Lokali Gudja. Huwa stmat li l-Kunsill jirċievi s-somma ta' €240 mingħand il-parteċipanti mil-liema soma l-Kunsill iħallas €100 għal użu tal-post u jibqalu €140 u għalhekk l-ispiża finali għal Kunsill tkun dika ta' €100.

b. Stages dwar l-iSchool Bus. Is-Sur Sammut qal li s-sistema li t-tfal jimxi lejn l-iskola waqt li jiġu mgħejjuna fil-ġar tal-basktijiet tagħhom u mħarsa tul it-triq ħadet sewwa.

Is-Sur Sammut talab sabiex l-istages ta' fejn jintaqgħu dawn it-tfal fi triqthom tkun aħjar. Il-Kunsill qabel dwar dan u talab sabiex jiġu ndikati sewwa tul t-triq lejn l-iskola.

c. Timed Parking fil-Gudja. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill kien rċieva kommunikat mit-TM u document dwar l-aħjar metodu li jkun hemm dan il-parking bil-ħin u li dan m'għandux ikun għall-area waħda iżda għandu jinfirex f'diversi areas.

Il-Kunsill qal li s-Sur Sammut jaħdem mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex flimkien jippreparaw l-applikazzjoni għat-TM u jinfurmaw lill-Kunsill dwar il-

proċedura u sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-Kunsill dwar dan il-parking bil-ħin li jagħti lir-residenti tal-Gudja aktar possibilita li jipparkjaw l-vetturi tagħhom bla tfixkil żejjed.

2.3.2 Sur Osvaldo Pace

a. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-Kunsillier O Pace kien infurma illi huwa kien ħa sehem fl-attivita ta' JChallenge u li kien kompla bil-kuntatt tiegħu mas-Sur Mario Gatt dwar il-mappa turistika tal-Gudja.

2.3.3 Sur Anthony Dalli

a. ĊTTĦ. Is-Sur Dalli qal li kien qed iżomm dan iċ-Ċentru miftuħ għal ħafna ħin speċjalment filgħaxija u kien qed jaħdem dwar programm t'attivitajiet għas-sena 2012 kemm filgħodu kif ukoll filgħaxija.

Is-Sur Dalli qal li għandu bżonn ta' għajnuna kemm mill-volontarjat kif ukoll għajnuna oħra sabiex dan iċ-Ċentru jkompli fuq ir-ritmu li qabad.

c. Injezzjonijiet ta' l-influenza. Is-Sur Dalli qal li dan l-injezzjonijiet inġiebu mill-Immunisation Centre, Floriana u qed jingħataw fil-bini tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 23 u l-Ħamis 24 ta' Novembru mis-Sur Roderick Bilocca li huwa nurse kwalifikat u ta' esperjenza kbira f'dan il-qasam.

Is-Sur Dalli qal li dawk ir-residenti tal-Gudja li ma jistgħux jiġu l-Kunsill sabiex jittaqbu, sejrin jirċievu s-servizz ta' titqib id-dar u dan sejjer issir ukoll minn nurse R. Bilocca kfi ikun meħtieġ.

## 3.0 Rapport

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ġie infumat li fejn ikun possibli l-ilmenti jiġu konsidrati u solvuti fl-aqsar żmien possibli għas-sodisfazzjoni komplet għal min iressaq l-ilment għand il-Kunsill.

3.1.2 Ittra 873/11.
Il-Kunsill qabel li jitbagħatu l-wardens skond proċeduri stabbiliti sabiex ma jkunx hemm ipparkjar fejn mhux suppost u b'hekk il-vetturi ta' l-Arriva jgħaddu bla tfixkil.

3.1.3 Ittra 364/11.
Il-Kunsill iħoss illi għalkemm jissimpatizza ma' min għamel l-ilment, iħoss li fil-preżent ftit li xejn jista' issir iżda l-Kunsill għandu jinsisti li tinfetaħ ir-Ring Road u b'hekk jiġi eliminat kemm it-tfixkil tat-traffiku kif ukoll ikun hemm ħarsien xieraq ta' l-ambjent u ħarsien tas-saħħa tar-residenti.

3.1.4 Ilment 18411088156361.
Il-Kunsill ikkonsidra li dak meħtieġ huwa xogħol ta' major patching u għalhekk dak meħtieġ ghandu jidħol fil-programm ta' xogħol ta' tiswijiet ta' toroq skond il-prijorita meħtieġa.

3.1.5 Ilment 18411046153814.

Il-Kunsill ikkonsidra li fil-preżent m'għandux ir-riżorsi u l-finanzi li jagħmel xogħol fi triq qalb l-għelieqi qabel ma' jitlestew xogħolijiet urġenti f'toroq maġġuri ġewwa l-Gudja.

Il-Kunsill qabel ukoll li peress li ħafna traffiku qed jidħol u joħroġ minn Triq tal-Lampat minħabba xogħol ta' kostruzzjoni ta' triq arterjali f'Santa Luċija, il-Kunsill jitlob lit-TM sabiex jagħmel ix-xogħlijiet ta' tiswijiet meħtieġa.

3.1.6 Parking bl-addoċċ qrib l-iskola St. Joan Antide, Gudja. Il-Kunsill ra l-ilment qabel li jitwaħħlu tabelli meħtieġa sabiex javżaw lis-sewwieqa tal-vetturi u l-buses sabiex iħallu l-entratura ta' Triq Bettina u Triq Filippu Castagna miftuħa kull ħin.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-kontenut tal-ittri li ntbagħatu u qabel li jkompli jsegwi l-progress u azzjonijiet meħtieġa.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-kontenut ta' l-ittri li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-azzjonijiet meħiteġa sabiex jinkiseb progress partikolari dwar l-ittra ta' 15 ta' Novembru 2011 mingħand is-Sur Paul Calleja.

***NB:-*** Waqt li l-Kunsill kien qed jikkonsidra din l-ittra, s-Sindku astjena minħabba possibilita' ta' konflitt t'interess u kompla jippresjedi l-Viċi-Sindku is-Sur R. Baldacchino

Il-Kunsill ħa konjuzjoni li xi żmien ilu kien approva u twaħħlu żewġ bollards qrib id-dar bl-isem 16 'Auleen' Triq Santa Marija Gudja sabiex ikunu ta' ilqugħ kemm għal persuni kif ukoll għal proprjeta. Ġara li waħda minnhom ntlaqtet minn vettura li daħlet fuqha b'veloċita qawwija. Il-Kunsill ħa passi nxtrat bollard oħra aktar b'saħħita iżda ġara li din għalkemm aktar b'saħħita ma taqbilx ma' l-ambjent.

Waqt din il-konsiderazzjoni l-Kunsill qabel li fi Triq il-Kappillan fit-tarf ta' triq li tmiss ma' Triq Santa Marija titwaħħal tabella ta' daqs xieraq li turi li minn Triq il-Kappillan ma tistax tilwi fuq il-lemin għal Triq Santa Marija iżda it-traffiku li jkun ħiereġ minn Triq il-Kappillan għandu jilwi fuq ix-xellu għal quddiem l-Kappella ta' l-Annunzjata u jimxi jew lejn Triq l-Annunzjata jew jipproċedi fuq in-naħa t'isfel tal-parti t'isfel ta' Triq Santa Marija.

Il-Kunsill qabel ukollli t-twaħħil ta' din it-tabella li turi li minn Triq il-Kappillan ma tistax tilwi fuq il-lemin għal Triq Santa Marija għandu issir b'urġenza.

**4.0 Proġett ta' toroq u bankini fi Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun, Triq il-Kappillan u Triq William Baker Gudja – Progress dwar il-bilanċ tal-pagamenti lill-kuntrattur.**

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar it-talba ta' €95,812.10 li għamlu Mangion Brothers Żurrieq Ltd dwar dawn ix-xogħlijeit u dwar il-bilanċ ta' €36812.10 kif mitlub mill-kuntrattur.

Il-Kunsill qabel li jitlob lil Perit tal-Kunsill sabiex jikkonsidra l-kontijiet u l-pendenzi kemm dwar xogħol kif ukoll multi sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jagħmel il-ħlas finali.

**5. Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar- Progress**

5.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-problemi li nqlagħu dwar il-mains u drenaġġ u d-dewmien ta' l-approvazzjoni tal-WSC.

5.2 Il-Kunsill talab laqgħa urġenti mal-Perit tal-Kunsill dwar il-progress ta' dan il-proġett sabiex jiġi ukoll assigurat li ma jkunx hemm problemi mal-Awtorita tad-Djar meta tiġi sabiex tħallas għal dan il-proġett.

**6. Trasport Pubbliku – Progress**

6.1 Il-Kunsill ikkonsidra li sar progress u li naqsu l-ilmenti iżda għad hemm ħtieġa ta' titjib sabiex l-pubbliku jkun moqdi aħjar.

6.2 Il-Kunsill ikkonsidra li mhux dejjem qed jinżamm l-ftehim dwar ir-rotta.

6.3 Il-Kunsill qabel li jkompli jinsisti mat-TM li jingħata lura s-servizz dirett għar-Raħal Ġdid (Paola).

6.4 Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob lit-TM sabiex r-Rotta X2 u X3 jieqfu quddiem Palazzo d'Aurel u li dan l-istage juri sewwa li l-X2 u l-X3 jieqfu fuq dan l-istage ghaliex kien hemm każi fejn xi xufiera maqfu u oħrajn baqgħu sejrin lejn l-Arjuport.

6.4 Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob lit-TM li waħda mir-rotot X2 jew X3 tidħol fil-Gudja minn Triq R. Caruana bħal ma jagħmlu l-X5 u l-135 u dan jgħin sewwa lir-residenti tal-Gudja li jkunu ġejjin minn Raħal Ġdid jkunu jistgħu jieqfu fil-qalba tal-Gudja u mhux jimxu lura mill-Ajruport.

**7.0 Konfini – Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja**

7.1 Is-Sur Baldacchino fakkar dwar kif il-Kunsill qed jaħdem bis-sħiħ sabiex jinbidlu l-konfini biex jiġi inkorporat l-Ajruport Internazzjonali fil-konfini tal-Gudja.

7.2 Is-Sur Baldacchio poġġa fuq il-mejda ittra datata 21 ta' Novembru 2011 mibgħuta lill-Kunsill mingħnad is-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar li dan id-Dipartiment qed jitlob lill-Kunsill Lokali Ħal Luqa sabiex jagħti l-pożizzjoni tiegħu dwar it-talba tal-Kunsill Lokali Gudja.

7.3 Il-Kunsill qabel li tkompli ssir pressjoni kif meħtieġ sabiex jinkiseb suċċess billi jiġi ddikjarat li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jinsab fil-konfini tal-Gudja għaliex din hija l-pożizzjoni koretta.

***Aġġornament***

Peress li kien sar il-hin il-laqgħa ġie aġġornata fid-9.00p.m. għat-Tlieta 29 ta' Novembru 2011 bl-Agenda kif diġa ġiet ċirkulata.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________